# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2002**

**Numru 5**

**Avviz. numru 904/00mm**

**Dr Carmel Vella MD u martu Gillian**

**vs**

**Mark Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-18 ta' Lulju 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm664.78c danni li kkagunalhom in segwitu ghal incident stradali li gara Bormla fid-29 ta' Settembru 1998 bejn Escort numru JBA 647 misjuqa mill-konvenut u Citroen numru BAV 047 misjuqa mill-attur. Prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u dan minhabba mperizja, negligenza, mprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali notifikata fit-23 ta' April 2000 (zewg notifiki) u dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju 2000 ai termini tal-Kap 104, u bl-imghax mit-28 ta' April 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku li gara bejnu u l-attur gewwa Bormla fid-29 ta' Settembru 1998, ma garax tort tal-eccipjenti, izda gara tort tal-attur li hareg minn go triq laterali minghajr l-ebda prekawzjoni, bir-rizultat li habat mall-vettura misjuqa mill-eccipjenti, li dak il-hin kien ghaddej minn go triq principali u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat fi Vjal il-Kottoner, il-Fgura fid-29 ta' Settembru 1998 ghal habta ta' nofsinhar bejn il-vettura BAV 047 misjuqa mill-attur u l-vettura JBA 647 misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li huwa kien qed isuq fi Vjal il-Kottoner il-Fgura u ried jaqsam Labour Avenue biex jidhol lejn il-lemin ghal go Triq Bormla. Meta wasal f'tarf Labour Avenue huwa waqaf u xeghel l-indicator biex juri illi ser idur lejn il-lemin. Wara li kien ilu hekk wieqaf xi nofs minuta jiehu daqqa minn naha ta' wara u l-karozza tieghu daret u giet *across* Labour Avenue. Irrizulta li kien il-konvenut bil-karozza Escort JBA 647 illi kien dahal fih. Il-hsarat fuq il-karozza tieghu kienu fuq wara n-nahha tal-lemin u gew esibiti xi ritratti li juru l-hsarat tal-vetturi, kemm dik ta' l-attur, kif ukoll tal-konvenut.

Ghall-ewwel il-konvenut issuggerixxa illi kullhadd jibqa bli ha. L-attur pero' ma accettax din il-proposta u ried idahhal lill-Pulizija, pero' dawna qalu li mhux kompitu taghhom peress illi dana kien incident *front to rear.* Meta l-attur ra li l-konvenut ma kienx sejjer jikkoopera, anzi gie allegat illi anke heddu, dana baqa ghaddej bir-riparazzjonijiet u sewwa l-karozza fuq ir-rakkomandazzjonijiet tas-*surveyor* illi baghtet l-*insurance* tat-*third party.* Gew esibiti diversi dokumenti, kemm is-*survey* u kemm il-kontijiet relattivi.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li l-Qorti akkordat diversi differimenti sabiex il-konvenut ikun jista jaghti x-xhieda tieghu, dana qatt ma deher, la fl-istadju meta kien qed jixhed l-attur u lanqas fl-istadju li suppost kien riservat ghalih, ghalhekk il-Qorti trid tghaddi biex

tikkonsidra dan il-kaz fuq l-isfond tax-xhieda moghtija biss mill-attur.

L-attur esebixxa sketch li huwa pprepara biex jispjega ahjar il-modalita' ta' dan l-incident. Gew esebiti wkoll l-ircevuti u d-dokument tas-survey li jiddeskrivi ahjar il-hsarat subiti fil-karozza tieghu.

Minn dawn ix-xhieda l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut kien traskurat fis-sewqan tieghu meta huwa ma zammx *a proper look out* u ma ndunax li quddiemu kien hemm il-karozza ta' l-attur wieqfa.

L-attur ighid li wasal f'tarf ta' Labour Avenue, waqaf wara l-*stop sign,* xeghel l-*indicator* u qaghad jistenna sakemm it-triq tigi libera mill-vetturi, qabel ma jkompli t-triq tieghu. Kif kien hekk wieqaf, gie l-konvenut minn wara u baqa diehel go fih. Ma hemmx dubbju li hawnhekk hawn element ta' traskuragni kbira minn naha tal-konvenut li ghandu jwiegeb unikament u esklussivament ghal dan l-incident. Ma ndunax b'karozza wieqfa quddiemu u din hija ndikazzjoni ta' traskuragni kbira, nuqqas ta' *proper look out* li ghaliha l-konvenut ghandu jwiegeb.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fi Vjal il-Kottoner, Fgura fid-29 ta' Settembru 1998 bejn il-karozza JBA 647 misjuqa mill-konvenut u l-karozza BAV 047 misjuqa mill-

attur u dana minhabba traskuragni u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm664.78c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg